PARLAMENT EWROPEW 2009 - 2014

*Dokument ta' sessjoni*

**A8-0006/2015**

22.1.2015

*

# RAPPORT

dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill fuq id-dikjarazzjoni ta' aċċettazzjoni mill-Istati Membri, fl-interess tal-Unjoni Ewropea, tal-adeżjoni tas-Seychelles għall-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 dwar l-Aspetti Ċivili tal-Ħtif Internazzjonali tat-Tfal
(COM(2011)0909 – C8-0265/2012 – 2011/0444(NLE))

Kumitat għall-Affarijiet Legali

Rapporteur: Heidi Hautala

## *Tifsira tas-simboli użati*

| | |
|---|---|
| * | Proċedura ta' konsultazzjoni |
| *** | Proċedura ta' approvazzjoni |
| ***I | Proċedura leġiżlattiva ordinarja (l-ewwel qari) |
| ***II | Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tieni qari) |
| (III) | Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tielet qari) |

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi legali proposta mill-abbozz ta' att.)

## *Emendi għal abbozz ta' att*

**Emendi tal-Parlament f'żewġ kolonni**

It-tħassir huwa indikat permezz tat-tipa korsiva u grassa fil-kolonna tax-xellug. Is-sostituzzjoni hija indikata permezz tat-tipa korsiva u grassa fiż-żewġ kolonni. It-test ġdid huwa indikat permezz tat-tipa korsiva u grassa fil-kolonna tal-lemin.

L-ewwel u t-tieni linji tal-intestatura ta' kull emenda jidentifikaw il-parti tat-test ikkonċernata fl-abbozz ta' att inkwistjoni. Meta emenda tirrigwarda att eżistenti, li l-abbozz ta' att ikollu l-ħsieb li jemenda, l-intestatura jkun fiha wkoll it-tielet u r-raba' linji li jidentifikaw rispettivament l-att eżistenti u d-dispożizzjoni kkonċernata f'dak l-att.

**Emendi tal-Parlament li jieħdu l-forma ta' test konsolidat**

Il-partijiet tat-testi l-ġodda huma indikati permezz tat-tipa korsiva u grassa. Il-partijiet tat-test imħassra huma indikati permezz tas-simbolu ▌ jew huma ingassati. Is-sostituzzjoni hija indikata billi t-test il-ġdid jiġi indikat permezz tat-tipa korsiva u grassa u billi jitħassar jew jiġi ingassat it-test sostitwit. Bħala eċċezzjoni, it-tibdil ta' natura strettament teknika magħmul mis-servizzi fil-preparazzjoni tat-test finali mhuwiex indikat.

## WERREJ

**Paġna**

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW ...........5

NOTA SPJEGATTIVA ...........6

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT ...........7

## ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

**dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill fuq id-dikjarazzjoni ta' aċċettazzjoni mill-Istati Membri, fl-interess tal-Unjoni Ewropea, tal-adeżjoni tas-Seychelles għall-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 dwar l-Aspetti Ċivili tal-Ħtif Internazzjonali tat-Tfal (COM(2011)0909 – C8-0265/2012 – 2011/0444(NLE))**

**(Konsultazzjoni)**

*Il-Parlament Ewropew,*

– wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Kunsill (COM(2011)0909),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 38, paragrafu erbgħa, tal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 dwar l-Aspetti Ċivili tal-Ħtif Internazzjonali tat-Tfal,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 81(3), kif ukoll l-Artikolu 218(6), it-tieni subparagrafu, punt (b), tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli ġie kkonsultat mill-Kunsill (C8-0265/2014),

– wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-14 ta' Ottubru 2014,

– wara li kkunsidra l-Artikoli 59 u 108(7) tar-Regoli ta ' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali (A8-0006/2015),

1. Japprova l-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill u japprova l-aċċettazzjoni tal-adeżjoni;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, kif ukoll lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri u tas-Seychelles.

## NOTA SPJEGATTIVA

Il-Konvenzjoni tal-Aja tal-25 ta' Ottubru 1980 dwar l-aspetti ċivili tal-ħtif internazzjonali tat-tfal hija strument ta' importanza fundamentali. Il-konvenzjoni ġiet ratifikata mill-Istati Membri kollha tal-Unjoni Ewropea.

Din il-konvenzjoni waqqfet sistema li permezz tagħha l-istati kontraenti jistgħu jikkooperaw biex isibu soluzzjoni għas-sitwazzjonijiet ta' ħtif internazzjonali ta' tfal.

Ħafna drabi, dawn il-problemi jinħolqu fi ħdan koppji li jisseparaw. Għal raġel jew mara li jiġi/tiġi minn stat ieħor, jista' jkun hemm it-tentazzjoni li jiġi sfruttat in-nuqqas ta' kooperazzjoni bejn l-Istati biex tittieħed il-kustodja tat-tfal. Fl-istampa spiss naraw każijiet ta' ħtif internazzjonali ta' tfal waqt separazzjoni jew divorzju.

Il-problema prinċipali f'każijiet bħal dawn hija n-nazzjonaliżmu tas-sistemi ġudizzjarji tal-Istati. F'dawn il-każijiet, spiss jiġri li l-qrati taż-żewġ stati involuti jiddikjaraw lilhom infushom kompetenti u li kull qorti tagħti l-kustodja tat-tfal lill-ġenitur ta' nazzjonalità tagħha.

L-għan tal-konvenzjoni kkonċernata hu li jissolvew dawn is-sitwazzjonijiet fil-livell internazzjonali, bl-istabbiliment tal-kompetenza tal-qrati u tal-liġijiet tal-istat ta' residenza tat-tfal. Il-konvenzjoni tistabbilixxi wkoll sistema li tiżgura r-ritorn immedjat tat-tfal maħtufa.

L-UE issa għandha kompetenza esterna esklussiva f'dan il-qasam kif ikkonfermat mill-Qorti tal-Ġustizzja fl-Opinjoni 1/13. L-Istati Membri għalhekk ma jaġixxux aktar għal rashom. Il-problema hija li l-konvenzjoni ma tipprevedix l-azzjoni awtonoma ta' organizzazzjonijiet internazzjonali.

Din il-problema toħloq il-bżonn tad-deċiżjoni tal-Kunsill li biha l-Istati Membri mitluba jaċċettaw, kulħadd skont it-territorju tiegħu, l-adeżjoni tas-Seychelles mal-konvenzjoni u għaldaqstant id-dħul fis-seħħ effettiv tal-konvenzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u dak il-Pajjiż.

L-adeżjoni tas-Seychelles mal-konvenzjoni hija aħbar tajba u r-rapporteur tappoġġjaha totalment speċjalment għaliex l-Unjoni Ewropea u s-Seychelles għandhom relazzjonijiet ekonomiċi mill-qrib. It-tfal b'rabtiet mal-komunità tas-Seychelles għalhekk se jkunu mħarsa mill-ħtif illegali.

Ir-rapporteur għaldaqstant tipproponi lill-Parlament li jadotta l-proposta mingħajr emendi, sabiex jassigura li l-ħarsien mogħti lit-tfal ikkonċernati jiġi estiż għat-territorju kollu tal-Unjoni.

## RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

| | |
|---|---|
| **Data tal-adozzjoni** | 20.1.2015 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 21<br>–: 2<br>0: 0 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Max Andersson, Joëlle Bergeron, Marie-Christine Boutonnet, Jean-Marie Cavada, Kostas Chrysogonos, Therese Comodini Cachia, Mady Delvaux, Andrzej Duda, Rosa Estaràs Ferragut, Laura Ferrara, Lidia Joanna Geringer de Oedenberg, Mary Honeyball, Dietmar Köster, Gilles Lebreton, António Marinho e Pinto, Jiří Maštálka, Emil Radev, Julia Reda, Pavel Svoboda, Axel Voss, Tadeusz Zwiefka |
| **Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali** | Daniel Buda, Sergio Gaetano Cofferati, Luis de Grandes Pascual, Pascal Durand, Angel Dzhambazki, Heidi Hautala, Sylvia-Yvonne Kaufmann, Angelika Niebler, Virginie Rozière, Viktor Uspaskich, Cecilia Wikström |